Nru./No. 20,793
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 24 ta' Frar, 2022
Thursday, 24th February, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 2013
Government Notices *2013*

Avviżi tal-Gvern 2013
Notices *2013*

Avviżi tal-Qorti ..... 2014 - 2016
Court Notices ..... *2014 - 2016*

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 258

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-GOVERNANZA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 10 ta' Frar, 2021, mogħtija mill-Qorti ta' Aizawl, Mizoram, ġewwa l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Edward Zammit Lewis
Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza

L-24 ta' Frar, 2022

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu illi skont is-subartikolu (3A) (a) tal-artikolu 77 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), dawk il-persuni li ser ikunu msiefra jew rikoverati fi sptar f'jum il-votazzjoni nhar is-Sibt, is-26 ta' Marzu, 2022, u li ser jagħmlu dan b'dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem il-Kummissjonarji Elettorali sabiex ikunu jistgħu jivvotaw ġimgħa qabel, jiġifieri nhar is-Sibt, id-19 ta' Marzu, 2022, għandhom jagħmlu din id-dikjarazzjoni bil-ġurament fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar jew fl-Uffiċċju tal-Karta tal-Identità, Misraħ San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex mit-Tnejn, it-28 ta' Frar, 2022 sa nofsinhar tal-Ġimgħa, it-18 ta' Marzu, 2022, skont il-ħinijiet murija hawn taħt:

Mit-Tnejn sal-Ħadd:

Mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m.
u mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Il-Ġimgħa, it-18 ta' Marzu, 2022, l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

L-24 ta' Frar, 2022

GOVERNMENT NOTICE

No. 258

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND GOVERNANCE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Governance has made this Order whereby the Adoption Order dated 10th February, 2021, issued by the Court of Aizawl, Mizoram, India, is being specified as an intercountry adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Edward Zammit Lewis
Minister for Justice and Governance

24th February, 2022

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

Notice

The Electoral Commissioners hereby give notice in terms of subarticle (3A) (a) of article 77 of the General Elections Act (Cap. 354), that those persons who shall be abroad or hospitalised on polling day, Saturday, 26th March, 2022, and who are going to declare this on oath before the Electoral Commissioners so that they may cast their vote in advance on Saturday, 19th March, 2022, should make such declaration on oath at the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, Naxxar or at the Identity Cards Office, St. Francis Square, Ir-Rabat, Gozo from Monday, 28th February, 2022 up to noon of Friday, 18th March, 2022, according to the hours indicated below:

Mondays to Sunday:

From 8.00 a.m. to 2.00 p.m.
and from 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

Friday, 18th March, 2022, last day:

From 8.00 a.m. to noon.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

24th February, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

289

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' Novembru, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fil-5 ta' Novembru, 2021, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Sarah Psaila (KI 0620382M) ta' Southview Mans, Blk B, Fl 6, Triq it-Talja, Is-Swieqi, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1513.29, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 305/2021SFJ) hija differita għall-1 ta' Marzu, 2022, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 8th November, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C10865) today Epic Communications Limited (C10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 5th November, 2021 whereby they asked the Tribunal to condemn Sarah Psaila (ID 0620382M) of Southview Mans, Blk B, Fl 6, Triq it-Talja, Swieqi, to pay the plaintiff company the sum of €1513.29, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 305/2021SFJ) is deferred on the 1st March, 2022, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 22nd February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

290

B'digriet tal-14 ta' Frar, 2022, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Andrew Micallef (KI 203890M) fit-2 ta' Novembru, 2021, qed jintalab l-iżbank tal-ammont kollu minn Andrew Micallef (KI 203890M) depożitat b'ċedola ta' depożitu numru 2997/2021 fl-ismijiet:

Andrew Micallef (KI 203890M) vs Matthew Alan Farrugia (KI 337019L) et

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimati b'ħamest (5) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Frar, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 14th February, 2022, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned to be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application filed by Andrew Micallef (ID 203890M) on the 2nd November, 2021, is asking for the withdrawal of all the amount by Andrew Micallef (ID 203890M) deposited by the Schedule of Deposit number 2997/2021 in the names of:

Andrew Micallef (ID 203890M) vs Matthew Alan Farrugia (ID 337019L) et

The Court ordered the notification of this application to the respondents with five (5) days for filing a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 22nd February, 2022

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

291

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Frar, 2022, fuq rikors ta' APS Bank plc (C2192) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 7 ta' Lulju, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Blokk bini bla numru uffiċjali, bl-isem Alu Care Buildings, fi Triq il-Kappar qabel magħrufa bħala triq ġdida fi Triq in-Naġġar, Il-Mosta, eskluż il-penthouse li tinsab fit-tielet (3) sular, però inkluż is-sottoswol. Il-fond jinstab f'żona industrijali u jikkonsisti f'fabbrika li testendi fuq tliet sulari, wieħed minnhom kantina, inkluż użu anċillari bħal garaxx għall-vetturi u spazji għall-ħażna ta' materjal. Fl-ewwel sular hemm tliet (3) bibien jagħtu għat-triq, bi dritt ta' passaġġ reċiproku mal-penthouse li tinstab mibnija fit-tielet (3) sular u jikkonfina mit-Tramuntana mat-Triq, mill-Punent ma' beni ta' Francis Sciberras jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Maria Vella jew l-aventi kawża tagħha jew irjieħ verjuri, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha u stmata għal disa' mija u ħamsa u disgħin elf ewro (€995,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alu Care Holdings Ltd (C30207).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 23/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 22 ta' Frar, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 21st February, 2022, on the application of APS Bank plc (C2192), Thursday, 7th July, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Block building without official number named Alu Care Buildings, in Triq il-Kappar previously known as new street in Triq in-Naġġar, Mosta, excluding the penthouse situated on the third (3rd) floor level, however including the sub terrain. The building is situated in an industrial zone and consists of a factory extending on three levels, one of which a basement level, including the ancillary use as garage for vehicles and space for material storage. Access to the street is accessed from three (3) doors situated on the street floor level, with right of reciprocal passage with the penthouse situated on the third (3rd) floor level and is bounded on the north by the said street granting access, on the west by property of Francis Sciberras or successors in title and on the east with property of Maria Vella or her successors in title, or more accurate boundaries, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances and valued at nine hundred and ninety five thousand euro (€995,000).

The said tenement is the property of Alu Care Holdings Ltd (C30207).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 23/2020.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 22nd February, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

292

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-14 ta' Frar, 2022, u dan wara Rikors b'numru 10/2022, Ordnat:

Li meta d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Victoria Bershadsky fir- Reġistru Pubbliku ta' Malta wara li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha tal-Artiklu 244 tal-Kodiċi Ċivili u ċjoè li l-Att esteru jkun wieħed magħmul jew reġistrat minn Awtorità kompetenti fil-pajjiż u li d-Direttur ikun sodisfatt mill-awtentiċità tiegħu, u wara li tkun ġiet provduta konferma bil-miktub taċ-ċittadinanza Maltija ta' Victoria Bershadsky propio maħruġa mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza, ikun jidher ċar li l-isem ta' Victoria Bershadsky proprio huwa 'Victoria' biss.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 14th February, 2022, and upon an application numbered 10/2022, Ordered:

That when the Director of the Public Registry comes to register the Act of Birth of Victoria Bershadsky in the Public Registry of Malta, after the requisites of Art 244 of the Civil Code are satisfied, and thus that the foreign act is one drawn up or registered by a competent authority in the country and that the Director is satisfied with its authenticity and only after a written confirmation of Victoria Bershadsky's Maltese citizenship has been provided and issued by the Department of Citizenship, it is to appear clearly that Victoria Bershadsky's name is only 'Victoria'.

Court of Revision of Notarial Acts

Illum, it-Tlieta, 15 ta' Frar, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Today, Tuesday, 15th February, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

293

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-14 ta' Frar, 2022, u dan wara Rikors b'numru 11/2022, Ordnat:

Li meta d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Irene Moshkovich fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta wara li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha tal-Artiklu 244 tal-Kodiċi Ċivili u ċjoè li l-Att esteru jkun wieħed magħmul jew reġistrat minn Awtorità kompetenti fil-pajjiż u li d-Direttur ikun sodisfatt mill-awtentiċità tiegħu, ikun biss wara li tkun ġiet provduta konferma bil-miktub taċ-ċittadinanza Maltija ta' Irene Moshkovich propio maħruġa mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza, ikun jidher ċar li l-isem ta' Irene Moshkovich proprio huwa 'Irene' biss.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, it-Tlieta, 15 ta' Frar, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 14th February, 2022, and upon an application numbered 11/2022, Ordered:

That when the Director of the Public Registry comes to register the Act of Birth of Irene Moshkovich in the Public Registry of Malta, after the requisites of Art 244 of the Civil Code are satisfied, and thus that the foreign act is one drawn up or registered by a competent authority in the country and that the Director is satisfied with its authenticity and only after a written confirmation of Irene Moshkovich's Maltese citizenship has been provided and issued by the Department of Citizenship, , it is to appear clearly that Irene Moshkovich's name is only 'Irene'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 15th February, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

294

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-14 ta' Frar, 2022, u dan wara Rikors b'numru 9/2022, Ordnat:

Li meta d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Michael Bershadsky fir- Reġistru Pubbliku ta' Malta wara li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha tal-Artiklu 244 tal-Kodiċi Ċivili u ċjoè li l-Att esteru jkun wieħed magħmul jew reġistrat minn Awtorità kompetenti fil-pajjiż u li d-Direttur ikun sodisfatt mill-awtentiċità tiegħu, u wara li tkun ġiet provduta konferma bil-miktub taċ-ċittadinanza Maltija ta' Michael Bershadsky propio maħruġa mid-Dipartiment ta ċ-Ċittadinanza, ikun jidher ċar l-isem ta' Michael Bershadsky proprio huwa 'Michael' biss.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, it-Tlieta, 15 ta' Frar, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 14th February 2022, and upon an application numbered 9/2022, Ordered:

That when the Director of the Public Registry comes to register the Act of Birth of Michael Bershadsky in the Public Registry of Malta, after the requisites of Art 244 of the Civil Code are satisfied, and thus that the foreign act is one drawn up or registered by a competent authority in the country and that the Director is satisfied with its authenticity and only after a written confirmation of Michael Bershadsky's Maltese citizenship has been provided and issued by the Department of Citizenship, it is to appear clearly Michael Bershadsky's name is only 'Michael'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 15th February, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603